



24.6.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 1918/2009, imressqa minn Antonio De Luca, ta' nazjonalità Taljana, dwar id-drittijiet ta' nies bi bżonnijiet speċjali fl-Italja**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jesprimi t-tħassib tiegħu dwar is-sitwazzjoni ta' nies bi bżonnijiet speċjali fl-Italja, billi jargumenta li d-drittijiet kostituzzjonali tagħhom qed jiġu ddisprezzati. Hu jindika li martu, pazjenta bi Sklerożi Multipla (MS), tirċievi *allowance* ta' €600, li hija ftit wisq biex tkopri l-ispejjeż kollha tal-kundizzjoni tagħha. Barra minn hekk hu jindika li fl-Italja m'hemm l-ebda dispożizzjoni għal dawk li jieħdu ħsieb persuni bi bżonnijiet speċjali. Għaldaqstant qed jitlob l-azzjoni tal-Parlament Ewropew biex jipperswadi lill-Gvern Taljan biex itejjeb is-sitwazzjoni tan-nies bi bżonnijiet speċjali fl-Italja.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fit-30 ta' Marzu 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

Ma teżistix kompetenza tal-UE fir-rigward tal-kwistjoni speċifika li qajjem il-petizzjonant. Id-deċiżjonijiet dwar il-kriterji li jirregolaw id-drittijiet għall-benefiċċji tad-diżabilità u t-tnaqqis fiskali jaqgħu fil-kompetenza esklussiva tal-Istati Membri. Fil-livell tal-UE, it-tnaqqis fiskali jista' jirrigwarda biss taxxi li huma rregolati fil-livell tal-UE. Bħalissa, it-taxxi diretti huma stabbiliti fil-livell nazzjonali, jiġifieri t-tnaqqis fiskali fil-kuntest tat-tassazzjoni diretta huwa kwistjoni purament nazzjonali.

Għal dak li għandu x'jaqşam mas-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) tal-UE, il-karatteristika essenzjali tagħha hija li l-VAT hija taxxa ġenerali u b'bażi wiesgħa fuq il-

konsum fi ħdan l-UE. In-newtralità fiskali hija karatteristika essenzjali ta' taxxa ġenerali, bħalma huwa l-VAT. Konsegwentement, l-applikazzjoni ta' rata differenti tat-taxxa skont l-istejtus jew il-karatteristika speċjali tax-xerrej ma tirispettax dan il-prinċipju. Barra minn hekk, bħala taxxa ġenerali fuq il-konsum, il-VAT tfassal prinċipalment bil-għan tal-ġbir ta' dħul. Madankollu, essenzjalment għal raġunijiet soċjali, il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-VAT tipprovdi lill-Istati Membri ċerti għażliet biex jiddivrenzjaw ir-rati tal-VAT, kif imfisser hawn taħt. Barra minn hekk, bħala regola ġenerali, ir-ridistribuzzjoni tad-dħul mill-VAT mhix irregolata fil-livell tal-UE, u l-Istati Membri huma liberi li, f'konformità ma' ċerti regoli tal-UE bħal dawk dwar l-għajnuniet statali, jagħtu għajnuniet fiskali jew tnaqqis fiskali biex jappoġġjaw il-politiki soċjali.

Skont ir-regoli tal-UE dwar il-VAT, l-Istati Membri huma mitluba japplikaw rata standard waħdanija li tkun tal-anqas 15% u li jista' jkollha massimu ta' żewġ rati mnaqqsa li jkunu mhux anqas minn 5%, li l-Istati Membri jistgħu japplikaw fid-diskrezzjoni tagħhom, iżda biss għall-kategoriji ta' prodotti u servizzi elenkati fl-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE (id-Direttiva tal-VAT). F'dan ir-rigward, sakemm ikun irrispettat il-prinċipju tan-newtralità fiskali, l-Istati Membri jibqgħu liberi li japplikaw ir-rata mnaqqsa għal kategorija sħiħa jew li jirrestrinġu l-applikazzjoni tagħha għal parti (anke żgħira ħafna) minnha. Dan il-prinċipju ma jippermettix li oġġetti simili li jkunu qed jikkompetu ma' xulxin ikunu ttrattati b'mod differenti għal skopijiet tal-VAT.

L-Anness III msemmi hawn fuq tad-Direttiva tal-VAT jinkludi ċerti kategoriji li huma ta' interess għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. B'mod partikolari, il-kategorija 4 tal-Anness III tirrigwarda "tagħmir mediku, għajnuniet u strumenti oħra normalment maħsuba biex itaffu jew jikkuraw id-diżabilità, għall-użu esklussiv u personali tal-persuni b'diżabilità, inkluża t-tiswija ta' din il-merkanzija", u l-kategorija 15 għandha x'taqsam mal-"provvista ta' merkanzija u servizzi minn organizzazzjonijiet rikonoxxuti bħala devoti għall-benesseri soċjali mill-Istati Membri u impenjati fix-xogħol ta' assistenza soċjali jew ta' sigurtà soċjali" sakemm dawk it-tranżazzjonijiet ma jkunux eżenti skont dispożizzjonijiet oħra tad-Direttiva tal-VAT.

Il-lista tal-provvisti eliġibbli għal rata mnaqqsa tal-VAT tirriżulta minn għadd ta' compromessi meqjusa li ntlaħqu fi ħdan il-Kunsill, u li huma inevitabbli billi l-liġi tal-UE dwar it-taxxa għandha tkun adottata b'mod unanimu.

Fl-2008, il-Kummissjoni ppreżentat proposta leġiżlattiva dwar kwistjonijiet urġenti li kellhom jiġu trattati b'rabta mar-rati mnaqqsa ta-VAT, bl-intenzjoni li jsir dibattitu ġenerali konklussiv dwar x'għandu jsir u dwar kemm huma utli u effiċjenti fl-ispejjeż ir-rati mnaqqsa tal-VAT. Wara diskussjonijiet twal u fil-fond, id-dibattitu fil-Kunsill dwar is-sistema ġenerali tar-rati mnaqqsa tal-VAT ġie konkluż bil-ftehma politika unanima tal-10 ta' Marzu 2009, li kienet tirrigwarda primarjament iż-żieda permanenti, mal-Anness III, ta' ċerti servizzi lokali li jinvolvu xogħol intensiv. B'mod partikolari, id-Direttiva 2009/47/KE żiedet il-Kategorija 10a li tirrigwarda "tiġdid u tiswija ta' djar privati, għajr il-materjali li jiffurmaw parti sinifikanti mill-valur tas-servizz ipprovdut", u li tista' tinkludi l-installazzjoni ta' ċertu tagħmir li għalih qed isir riferiment, kif ukoll il-Kategorija 20 li tikkonċerna "servizzi ta' kura domestika bħall-għajnunna fid-dar u l-kura taż-żgħar, tax-xjuħ, tal-morda jew ta' persuni b'diżabbiltà".

Konsegwentement, l-għażla li għal dawn il-provvisti jiġu applikati rati mnaqqsa tal-VAT hija diġà disponibbli għall-Istati Membri li jiddeċiedu jekk humiex se jagħmlu użu minnha jew le,

skont is-sitwazzjoni soċjoekonomika u baġitarja speċifika u l-preferenzi politiċi tagħhom.

Konklużjoni

Il-kwistjoni speċifika li qajjem il-petizzjonant taqa' fil-kompetenza tal-gvern u tal-parlament tal-Italja.